**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Francis Micallef)**

**kontra**

**CARMELA CINI**

**(detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 139071(M))**

Kaz Nru. 215/2013

**Illum, it-8 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Carmela Cini** mart Christopher Cini bint Bartolomeo Camilleri u Maria nee' Muscat imwielda Pieta fis-7 ta' Marzu 1971 u li toqghod 10, Sammut Flats 2 Triq il-Mulett, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 139071M, akkuzata talli;

1. Nhar is-26 ta' Frar 2011 ghal habta tal-11.30am, fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, kellha fil-pussess taghha id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Bhala persuna li m'hijiex ufficjali tal-habs jew persuna impjegata fil-habs, minghajr l-awtorita' legittima, dahhlet jew ipprovat iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett ikun li jkun li hu pprojbit skont xi regolamenti maghmula skont dan l-Att jew garret jew ipprovat iggorr xi oggett bhal dak barra minn xi habs u cioe xi medicina perikoluza skont l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jw medicina li hi kontrollata b'regolamenti maghmula taht l-Ordinanza dwar il-Professsjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhomx'jaqsmu maghha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita, tordna lill-hatja thallas l-ispejjez peritali ghat-termini ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta), li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021;

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet lil dina l-Qorti hekk kif preseduta mis-smigh mill-gdid tax-xhieda gia prodotti quddiem dina l-Qorti diversament preseduta[2];

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

## A. Fatti tal-kaz

Illi fis-26 ta' Frar tas-sena 2011, l-imputata Carmela Cini kellha *contact visit* ma John Bugeja. Qabel ma dahlu ghall-*contact visit* kemm Carmela Cini kif ukoll Bugeja kienu suggetti ghal tfittxija "rub down" li rrizultaw it-tnejn fin-negattiv. Wara l-*contact visit* li normalment ddum madwar tlett kwarti bhala prassi saret strip search fuq il-priguniera – fil-kaz odjern, Carmela Cini. Hekk kif kienet ha ssir l-istrip search l-ufficjali tal-Facilita' ta' Kordin innottaw lill-imputata tagixxi b'mod suspettuz b'halqha. Hekk kif talbuha ttihom dak li kellha f'halqha

[1] Fol. 4 tal-atti processwali
[2] Fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2021

hija harget pakkett minn halqha u tefghetu wara armarju. L-ufficjali sabu l-pakkett suspettat li kien kontenenti droga u li Cini kienet remiet wara l-armarju. Il-pulizija gew infurmati b'dan il-kaz fejn bdew l-investigazzjonijiet min-naha taghhom. Din il-Qorti (diversament preseduta) hatret lil Godwin Sammut bil-ghan li janalizza s-sustanza esebieta fil-proceduri odjerni mill-ispettur Zammit – Dokument SZ. Fil-konkluzzjonijiet tieghu Sammut iddikjara:

> *"Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument immarkat S/B/253/2018 instabet is-sustanza eroina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 0.46 grammi u l-purita' kienet ta' circa 15%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi that l-ewwel skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[3]

Illi in difesa, giet mharrka bhala xhud Maria Caruana in rapprezentanza tal-Caritas. Caruana xehdet dwar l-izvillup pozittiv li l-imputata ghamlet dan l-ahhar.

**B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-htija jew altrimenti tal-imputata</u>**

Illi hekk kif intqal izjed 'il fuq f'din is-sentenza l-qua imputata giet osservata b'oggett f'halqha, wara visit li hija kellha fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, liema pakkett hija remiet wara armarju. Il-kontenut ta' dan il-pakkett gie analizzat u gie konkluz li kien jikkontjeni s-sustanza eroina fl-ammont ta' 0.46 grammi. F'dawn ic-cirkostanzi, hekk kif anke ikkonceda l-abbli difensur fis-sottomissjonijiet tieghu, jirrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-qua imputata kienet fil-pussess xjenti tad-droga eroina fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Konsegwentament l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Cini giet sodisfacentament ippruvata.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni imputazzjoni, mill-atti processwali ma jirrizultax li kienet propju l-qua imputata li dahlet jew tat struzzjonijiet sabiex tidhol fil-konfini tal-habs id-droga misjuba fil-pussess taghha. Huwa minnu li l-ufficjali tal-habs jixhdu li hija kien ghad kif kellha contact visit, madanakollu mill-provi mressqa ma jirrizultax li kien hemm xi agir li setgha jindika li l-imsemmija droga ghaddiet fil-pussess ta' Cini waqt dik il-contact visit. Di piu' wisq inqas jirrizulta pruvat li, anke jekk kien il-kaz li d-droga li setghet ghaddiet waqt l-imsemmija contact visit, li dan sar fuq struzzjonijiet mhotija mill-qua imputata. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tkun qed tillibera lill-qua imputata mit-tieni imputazzjoni.

**C. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

In kwantu ghal piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti ser tqis ic-cirkostanzi u n-natura tar-reat li tieghu ser tinsab hatja. L-imputata kienet fil-pussess tad-

---

[3] Fol. 68 tal-atti processwali.

droga perikoluza gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u cioe' post li huwa intiz principalment ghar-riabilitazzjoni ta' persuni. Ghaldaqstant ser tkun qed tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali. Ser tqis ukoll l-ammont ta' droga kien dak ta' 0.46 gramma u li l-istess sustanza instabet fil-pussess ta' Cini f' cirkostanzi li juru li kienet intiza ghall-uzu esklussiv taghha u mhux sabiex tigi mghoddija lil terzi. Qieset ukoll li l-fatti speci tar-reat odjern jirrisalu lura ghas-sena 2011. Din il-Qorti ezaminat ukoll il-fedina penali tal-imputata u qieset ukoll ix-xhieda mghotija minn Maria Caruana, rapprezentant tal-Caritas. Caruana li spjegat il-progress notevoli li ghamlet Caruana bil-ghan li tindirizza l-problema tal-vizzju tad-droga. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ser tkun qed tinfliggi piena li hija fil-minimu rikjest mil-ligi.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 33A tal-Kodiċi Kriminali, **qed issib lill-imputata Carmela Cini hatja tal-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront taghha filwaqt li qed tilliberaha mit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u konsegwentament qed tikkundanaha ghall-piena ta' tliet (3) xhur prigunerija effettiva.**

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Carmela Cini sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 203.31 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**